MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Appell Civili Numru. 5/2007

**Maria Grixti**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Marzu, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tas-6 ta' Lulju 2006 li permezz taghha giet michuda t-talba ta' Grixti ghal Children's Allowance.

Din l-ghajnuna hija marbuta mad-decizjoni li kienet ittiehdet ukoll mid-Dipartiment dwar l-Ghajnuna Socjali u li kienet il-meritu ta' appell iehor bin-numru 440/06 li wkoll qed jigi deciz illum.

> L-Arbitru jaghmel referenza ghall-imsemmija decizjoni moghtija llum fil-kaz 440/06 u ghall-istess ragunijiet anki dan l-appell ghandu jigi michud."

L-appell odjern ipprezentat mir-rikorrenti Maria Grixti huwa konsimili f' kollox u ghal kollox ghal dak l-iehor taghha Numru 4/07. L-unika differenza tikkonsisti fix-xorta ta' *allowance* percepita mill-appellanti li f' dan il-kaz titratta minn dik ta' l-Allowance tat-Tfal;

Billi dak l-appell l-iehor qed jigi deciz kontestwalment, din il-Qorti ma tarax il-htiega li toqghod hawn tirreplika l-istess konsiderazzjonijiet minnha maghmula f' dak l-appell bejn l-istess partijiet. Invece, u a skans ta' ripetizzjoni, qed taghmel semplici riferenza ghalihom u taghmilhom applikabbli anke ghall-appell prezenti.

Ghal motivi f' dak l-appell l-iehor zvolti, din il-Qorti qeghda hawn ukoll tirrespingi l-appell odjern u tikkonferma s-setenza appellata. L-ispejjez, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------